Jiena għandi Baċellerat fil-Malti u fl-istudji tal-komunikazzjoni u kkwalifikajt għal Masters fil-letteratura Maltija mill-Universita ta' Malta. Ksibt ċertifikat fil-Management mill-Istitut tal-Management, Malta.

Jiena ħdimt fiċ-Ċivil bejn l-1982 u l-2011. Kelli diversi postijiet f'Ministeri differenti sakemm fl-2011 tfajt ir-riżenja tiegħi minn Assistent Direttur fil-Ministeru tal-Finanzi.

Minn dakinhar waqqaft Wellbeing Consultancy Malta u Healing Hands School of Reiki in Malta fejn naħdem bit-terapiji naturali u ħxejjex u fjuri. Nagħti trattamenti bir-reiki, reflexology, Bach flower remedies, aromaterapija, encaustic art therapy u talking therapy.

Għandi passjoni għall-lingwi u l-kitba. Fl-2018 ħriġt il-ktieb tiegħi 'My way to success through healing self love.'

Għalhekk il-profil tiegħi jiġbor kemm kwalifiċi akkademiċi, esperjenza professjonali fiċ-Ċivil, għarfien fit-terapiji naturali u kitba kreattiva.

Nemmen li dan iqegħdni f'sitwazzjoni idejali sabiex noffri s-servizzi tiegħi u ngħin oħrajn fil-proġetti ta' kitba u traduzzjoni.

Il-Malti hu l-lingwa naturali tiegħi. Jiena tajba ħafna fl-Ingliż għax nitkellem biż-żewġ lingwi.

Nista' ngħinek fit-traduzzjonijiet kemm mill-Ingliż għal Malti u mill-Malti għall-Ingliż. Għandi esperjenza fl-editjar u l-qari tal-provi. U jiena wkoll għandi passjoni għal kitba ta' ġeneri diversi bħal awtobijografiji, stejjer veri, filosofija, spiritwalita u terapji naturali.

Matul is-snin ktibt bosta CVs lil individwi li akkwistaw ix-xogħol li xtaqu. Għint nies b'negozji żgħar jiktbu l-materjal għal websajt tagħhom.

Inħossni ħerqana sabiex ngħinek fil-proġett li jmiss.